MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 366/2007

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-18 ta' Settembru, 2007 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett:

1. Illi l-kontendenti żżewġu fit-18 ta' Ġunju, 1992 (Dok. A).

2. Illi l-ħajja konjugali ġiet resa impossibbli minħabba adulterju u abbandun kommess da parti tal-konvenuta u kif ukoll minħabba inkompatibbilta' ta' karattru.

3. Illi miż-żwieġ twieldet tifla, X li llum għandha erbatax-il sena, kif jirriżulta mill-anness ċertifikat tat-twelid (Dok. B).

4. Illi l-attur ġie awtorizzat jipproċedi għas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) tat-18 ta' Settembru, 2006 (Dok. C), liema digriet ġie pprorogat b'digriet ieħor tas-17 ta' Settembru, 2007 (Dok. D).

Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minħabba raġunijiet imputabbli lill-konvenuta kif hawn fuq premess.

2. Takkorda lill-esponent bil-kura u kustodja tat-tifla minuri X.

3. Tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fil-Kodiċi Ċivili fosthom dawk kontemplati fl-Artiklu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

4. Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f'żewġ porzjonijiet li jiġu assenjati waħda lil kull wieħed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fit-tielet talba, okkorrendo billi tinnomina periti nominandi.

5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jirċievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u kuratur sabiex jirrappreżenta l-kontumaċja tal-konvenuta f'każ ta' bżonn.

6. Tikkundanna lill-konvenuta tirrestitwixxi lill-attur il-proprjeta' kollha tiegħu parafernali jew il-valur tiegħu.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li hija nġunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kuraturi Deputati, ippreżentata fl-4 ta' Frar, 2008, li permezz tagħha esponew bir-rispett u bil-ġurament tagħhom ikkonfermaw:

Illi huma m'humiex edotti mill-fatti li taw lok għal dan ir-rikors, u jirriservaw illi jippreżentaw risposta ulterjuri kemm-il darba jkunu hekk ġew edotti.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavit ta' l-attur u d-dokumenti esebiti minnu.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Mejju, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi din hija kawża ta' separazzjoni fejn l-attur qiegħed jitlob id-dikjarazzjoni ta' separazzjoni minn ma' martu flimkien mas-soliti talbiet. Il-kontendenti għandhom tifla li għadha minuri. Mill-provi jirriżultaw ampjament il-lanjanzi ta' l-attur, u l-Qorti mhux talli tagħtih raġun, iżda tissimpatizza miegħu. Il-konvenuta abbandunat lill-attur u telqet minn Malta b'binthom bla kliem u bla sliem, u l-attur ma jafx x'kienet ir-raġuni, għalkemm beda jħoss illi martu kienet qegħda tqatta' ħafna ħin fuq il-*computer* u kien jaraha qisha mdejqa. Il-konvenuta telqet mid-dar b'sebgħat elef u erba' mitt Lira Maltin (Lm7,400) fi flus, u ħadet magħha d-deheb li kellha. Eventwalment sar jaf illi l-konvenuta telqet minn Malta lejn Londra, iżda ma jafx fejn qegħda issa, u fil-fatt beda l-proċeduri taħt iċ-*Child Abduction Act* biex jipprova jġib lil bintu lura.

Jirriżulta wkoll illi l-konvenuta żbankat kont bankarju ta' ħamsin elf Lira Maltin (Lm50,000) u għalhekk ġustament l-attur qiegħed jitlob illi jiġi assenjat il-proprjeta' li ser tissemma billi anke kellu jħallas xi djun (mhux żgħar) li ħalliet martu meta telqet.

**Għaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talbiet kollha attriċi u għalhekk:**

**1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet imputabbli lill-konvenuta;**

**2. tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri msemmija f'idejn l-attur;**

**3. tilqa' t-tielet talba u tapplika s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artiklu 48 tal-Kapitlu 16 fil-konfront tal-konvenuta u tiddikjara li l-konvenuta abbandunat lill-attur fl-1 ta' Lulju, 2006 *ai fini* tas-sub-inċiż (1) (c) ta' l-istess artiklu;**

**4. tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn l-attriċi u żewġha, tillikwida l-komunjoni msemmija billi tiddikjaraha konsistenti; il-vettura tal-marka Peugeot 106 li qegħda tiġi assenjata lill-attur; u fid-dar matrimonjali bil-garaxx magħha li tiġi assenjata lill-attur, illi qiegħed jiġi assenjat din il-proprjeta' kollha a saldu ta' kull kreditu li jista' jkollu fil-konfront tal-konvenuta; tinnomina lin-Nutar Silvana Borg Caruana li għandha tippubblika l-att relattiv li għandu jiġi pubblikat fit-18 ta' Lulju, 2008 jew fuq talba *ad hoc* ta' l-attur jew tan-Nutar nominat u lill-Avukat Dottor Daniela Mangion bħala kuratur għall-eventwali kontumaċi u lill-AIC Mario Cassar biex jistma' l-fondi in kwistjoni għal dan l-iskop;**

**5. tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-sitt talba minħabba li ma jirriżultax li l-konvenut għandu fil-pussess tiegħu xi proprjeta' parafernali ta' l-attriċi.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuta, iżda l-attur għandu proviżorjament iħallas id-drittijiet u l-ispejjeż tal-kuraturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------